KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 23.2016**

Data: Tlieta 17 ta' Mejju 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Michael Mifsud** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |
| **Is- Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 21 u Nru 22
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Kommunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Ordnijiet tal-ġurnata

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

i) Attivita – It-Tama tal Bidwi tgħajjex il-Bidwi - Ħuġġieġa ta San Ġwann

ii) Memorandum of Understanding MCAST

6. Approvazzjoni

- Skeda ta Pagamenti
- Purchase Orders
- Works Orders
- Petty Cash

7. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet **19.50** ta' filgħaxija.

**1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 21 u Nru 22**

Il-minuti tal-għoxrin (21) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 12 ta' April 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

Il-minuti tal-għoxrin (22) Laqgħa b'Urġenza li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-minuti minħabba każ li xtaq jinforma bih lill-membri tal-Kunsill. Il-membri qablu unanimament. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li fl-uffiċini tal-Kunsill nstabet kaxxa biċ-ċekkijiet li jmorru lura għal 2007 fejn liema ċekkijiet qatt ma ġew msarrfa . Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel kuntatt mal-pulizija kif ukoll mal-Avukat tal-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni minnufih. Fil-preżenza tal-avukat, tal-pulizija, tas-Segretarju Eżekuttiv u tas-Sindku din il-kaxxa mimlija ċekkijiet u dokumenti oħra ġiet issiġġillata u ttieħdet ġewwa l-Għassa tal-Pulizija Mosta . Is-Segretarju nforma lill-membri li minn naħa tiegħu għamel kommunikat ta' email kemm mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll ma National Audit Office sabiex tinbeda l-investigazzjoni.

F'dan ir-rigward id-Dipartiment tal-Gvern Lokali waqqaf bord għall investigazzjoni . Il-Kunsillier Alex Muscat żied jgħid li għalih dawn l-affarijiet huma inaċċettabbli u ċekkijiet bħal dawn ilhom fil-Kunsill Lokali għal dawn l-aħħar snin qatt ma ttieħdet deċiżjoni min kien responsabbli dak iż-żmien .

Is-Sindku kompla jgħid li hu jaqbel perfettament mas-Sur Muscat u jinsab mħasseb jekk f'dan il-Kunsill hawnx aktar każijiet bħal dawn li għadhom mistura u bi żmien għad irridu jinstabu.

## 2. Punti Mqajjma mill-Minuti

### 2.1 Minuta 2.2

Is-Sindku nforma lill-membri li wara li ntbagħtet ittra lid Direttur tal-PAMA il-Kunsill ma rċieva l-ebda kommunikat. Għaldaqstant huwa tal opinjoni li tintbagħat u notifika kemm lid-Diretturi tal-MEPA kif ukoll lill-PAMA permezz tal-Avukat tal-Kunsill.

### 2.2 Minuta 3.3

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill bagħat l-informazzjoni kollha tal-applikazzjoni għal fondi tas-CPPS.

### 2.3 Minuta 2.4

Is-Sindku nforma lill-membri li wieħed mill-offerenti għamel oġġezzjoni għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-istess Kunsill fuq tender tal-iskart . Għaldaqstant il-Kunsill qiegħed jistenna deċiżjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti.

### 2.4 Minuta 7.1

Is-Sindku nforma lill-membri għadu qiegħed jistenna deċiżjoni mill-bord tal-monitoraġġ dwar il-każ ta Marco Briffa.

Ma kien l-ebda korrezzjoni u punti mit-22 laqgħa b'Urġenza.

## 3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-membri dwar lista li l-amministrazzjoni tal-Kunsill qed temenda minn ħin għall-ieħor dwar il-proġetti li jkunu qed isiru dawk pendenti kif ukoll dawk li jkunu saru . {Anness 1}

## 4 Korrispondenza

### 4.1 Korrispondenza Nru 1 – Permess għal applikazzjoni tat-tabella fi Triq Salvu Dimech

Il-Kunsill ressaq din il-korrispondenza ta CNC Boutique fejn qed jitolbu li ssir tabella bir-riklami tal-ħanut tagħhom ġewwa Triq Salvu Dimech fit12 ta' April 2016. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed deċiżjoni tagħha fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss wara li l-Kunsill jġib l-informazzjoni dwar il-permessi rigward dawn it-tabelli.

Il-kunsill reġgħa ressaq din it-talba u qabel li din għandha issir . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

### 4.2 Korrispondenza Nru 2 – Stima ta dawl u sound re attivita 8 ta' Awwissu 2016

Il-Kunsill ressaq korrispondenza mis-Soċjeta Piroteknika 15 ta Awwissu fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jippartecipaw f'din l-attivita kulturali li ser issir fit-8 ta' Awwissu billi jgħinu finanzjarjament fi ħlas ta dwal u sound li jammontaw għal 236 Ewros li jinkludi VAT biex jintużaw waqt din is-serata.

Il-membri tal-Kunsill qablu li din il-korrispondenza għandha tiġi deċiża fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-kunsillier Keith Cassar ġie mitlub sabiex iressaq proposti rigward kif il-Kunsill jista jgħin lill għaqdiet.

Il-Kunsill reġgħa ddiskuta din it-talba u ġie deċiż li minħabba il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill , l-Kunsill ma jistax jilqa din it-talba iżda l-Kunsill qabel ukoll li jibqa jgħin lill għaqdiet tal-volantarjat fil-Mosta billi jinvolvihom f'inizzjattivi u attivitajiet li jorganizza matul is-sena u li jkollhom il-finanzjament tagħhom mill-Gvern Ċentrali. Aktar il-quddiem il-Kunsil jista javviċinakom għaliex jista jirrikorri ghal servizzi tistgħu toffru .

### 4.3 Korrispondenza Nru 3 – Talba min residenti biex Triq Ponsomby minn Callus għal Triq it-Torri issir One Way

Il-Kunsill ressaq il-korrispondenza Is-Sindku nforma lill Kunsill illi ser jagħmel spezzjoni fuq il-post.

### 4.4 Korrispondenza Nru 4 – To install Permanent Safety Barriers size of 0.5 mtrs

Il-Kunsill ressaq korrispondenza tas-Sur Sean Fitz sabiex jkun jista jitwaħħlu diversi safety barriers bir-riklam f'diversi siti Triq Valletta, Triq il-Kbira, Triq il-Kostituzzjoni [il-parti ta fuq}, Vjal il-Qalbiena Mostin , Triq San Anton Abbati, Vjal l-Indipendenza u toroq oħra identifikati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta iżda il-Kunsill jaqbel li fil-pjazza quddiem il-knsija ma jistgħux jsiru l-ebda tabelli ta dan it-tip.

**4.5 Korrispondenza Nru 5 – Tat –Targa Battery**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-isquatter is-Sur Joseph Chircop ħareġ mit-Targa Battery .

l-Iscout leader talab lill-Kunsill sabiex jitneħħa l-imbarazz ta' din Tarġa Battery u jinqalbu il-kontijiet tad-dawl kif rikjest . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 5 Ordnijiet tal-ġurnata

**5.1 Attivita – It-Tama tal Bidwi tgħajjex il-Bidwi - Ħuġġieġa ta San Ġwann**

Is-Sindku ressaq il-programm tal-attivita tal-Ħuġġieġa ta San Gwann . Dawn l-attivitajiet ser jiġu organizzati sabiex il-Kunsill jippromovi aktar l-apprezzament tal-Wirt tal Patrimonju Mosti .

L-'Attivita tal-Ħuġġieġa ser issir fl-24 ta' Ġunju 2016. Programm tal-attivita anness {Anness 2}

**5.2 Memorandum of Understanding MCAST**

Is-Sindku nforma lill-membri sabiex jaqraw il-Memorandum of Understanding u jibgħatu l-kummenti tagħhom sabiex b'hekk il-Kunsill Lokali ikun jista jipproċedi dan Memorandum of Understanding mal-MCAST u jinbidel l-arloġġ tad-dawl.

## 6. Approvazzjoni

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

7. **Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **il-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2016.**

Laqgħa spiċċat fl**-22.30** ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data: 30/06/2016